MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru. 842/2004

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND J BORG
VS
CHARLES MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Mifsud ta’ 31 sena ben Annetto u Rose nee Delia, mweled Pieta nhar il-31ta’ Lulju 1973 u li joqghod 109, St John Street Bormla detentur tal-karta tal-identita numru 337873M talli fl-4 t’Ottubru 2004 ghal habta tad-9am kif wkoll fil-granet ta ‘qabel, kkommetta serq ta’ diversi oggetti minn gewwa l-mahzen tal-kumpanija Construct Furniture Qasam Industrijali Luqa kif wkoll mill-imhazen Isabella Garage u Victoria Garage fi Triq San Edwardu Qormi liema serq huwa aggravat bil-persuna u bl-valur, lieam valur jaqbez l-ammont ta’ Lm1000.

Talli fl-istess data u qabel din id-data f'dawn l-gzejjer sew jekk f'Malta jew barra mnn Malta xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, kew xjentement b'kull mod li jkun indahal bex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 270, 268, 334 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------